# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, il-11 ta' Jannar, 2023

Avviz tat-Talba numru:132/2020 CL

**Tessera Ltd (C59185 )**

**VERSUS**

**Coge Impianti Societa' Cooperativa li hija rapprezentata mill-likwidattrici Dr Nicola Di Benedetto skond digriet datat 27 ta' Jannar 2021 u skond digriet datat 14 ta' Lulju 2021 nhatret Dr Graziella Tanti bhala Deputat Kuratur**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-24 ta' Gunju, 2020 fejn is-socjeta attrici talbet lit-Tribunal jikkundana lis-socjeta konvenuta sabiex thallas s-somma komplessiva ta' elfejn  hames mija u sitt euro u erbgha u tletin centezmu (€2,506.34) vat inkluz, rapprezentanti prezz ta' materjal u prodotti mibjughin lilha, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali u jew legali mid-data ta' kull transazzjoni relattiva sad-data tal-hlas effettiv. Is-socjeta attrici hija debitrici tas-sojeta konvenuta fl-ammont ta €2506.34 skond rendikont gja mibghuta lis-socjeta konvenuta. Milkejja li s-socjeta konvenuta gja giet appellata biex thallas b'ittra datat l-1 ta' Novembru 2018, sallum baqghet ma hallset xejn. Illi ghalhekk is-socjeta attrici kellha taghmel din il-kawza.

Ra r-risposta tal-kuratur deputat ipprezentata fit-8 ta' Novembru 2011 li permess taghha wiegbet illi fl-ewwel lok qed jigi ecepit illi ma gietx osservata l-procedura addata stante illi ma kelllhomx jigu appuntati kuraturi deputati, minhabba illi s-socjeta konvenuta tinsab f'pajjiz tal-Unjoni Ewropea u cioe l-Italia, izda kellhom japplikaw ir-regolamanti tal-Unjoni Ewropea bin-numru 1215/2012, fejn Il-konvenut  jigi nnotifikat tramite l-Avukat tal-Istat. Illi minghajr pregudizzju l-esponenti kuratur deputat mhijiex edotta mill-fatti tal-kaz de quo per se u ghalhekk qed tirriserva id-dritt li tipprezenta risposta motivata w ulterjuri flimkien ma' lista ta' xhieda u dokumenti jekk ikun il-kaz, f'kaz u jekk tigi edotta mill-fatti. Illi milli jirrizulta il-kawza hija preskritta u ghaldaqstant il-proceduri ma jistghux jitkomplew.It-talbiet tas-socjeta attrici u l-pretensjonijiet taghhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt u mir-rikors ma jidhirx li gew provduti dokumenti jew evidenza in sosten ta' dak li qed jintqal u ghalhekk m'ghandhomx jigu milqugha. Illi ghalhekk it-talba hija frivola u vestatrorja u ghandha tigi michuda fl-intier

taghha. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u lista ta' xhieda meta l-kuratur deputat ikun mgharraf bil-fatti tal-kaz. Bl-ispejjes u li-imghax kontra r-rikorrenti li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Fit-28 ta' Frar 2022, xehed Aaron Sammut li kien ilu seba' snin jahdem mas-socjeta attrici, u dawn l-ahhar snin fil-pozzizzjoni ta' General Manager. Tessera Ltd kienet timporta *fixing materials* u kienet ssuplexit materjal ghal fontata tat-Tritoni lis-socjeta konveuta. Ipprezenta sett dokumenti immarkati bhala Dok AS1, li kienu fatturi li s-socjeta konvenuta kienet halset u sett invoices immarkati bhala Dok AS2 li kienu hmistax-il fattura li kienu ghadhom pendenti, hlief ghal-ewwel wahda fejn kien hemm pagament parzjali. It-tielet dokument mmarkat bhala Dof A3 huwa rendikont fejn l-ewwel fattura turi bilanc ta' €815 u l-kumpalment tal-fatturi mhux mhallsin, fejn l-ammont dovut huwa ta' €2506.34. Kienu ipprovaw jaghmlu kuntatt maghhom permess ta' mobile, jew fuq il-linja fissa tal-kumpanija fis-Sqallija, kif ukoll permess ta' e mail.Inghata numru tac-cellulari li maghha kienet ssir kommunikazzjoni mas-socjeta konventuta, lil kuratur deputat. Fis-27 ta' April 2022, xehed Kurt Cini li ipprezenta transaction history mmarkat bhala Dok KC1, kommunikazzjoni bil-Whatsapp mmarkat bhala Dok KC2, Bank transfer li saret lil Tessera Ltd u l-isem tal-persuna li ghamlet it-transazzjoni mmarkat bhala Dok KC3, u l-indirizz elettroniku tal-persuni li maghhom kienu ikkomunikaw f'isem is-socjeta konvenuta. Fl-4 ta' Lulju 2022, saret il-kontro ezami ta' Aaron Sammut fejn intalab jikkonferma jekk kienx hemm e mail fejn is-socjeta attrici ikkonfermat li kelllha thallas dan il-bilanc. Jekk hemmx ftehiem iffirmat bejn il-partijiet. Wara li ghamel il-verifici gie ikkonfermat waqt is-seduta tas-7 ta' Novembru 2022 li ma hemmx kommunikazzjoni li turi rikonoxximent tad-debitu u li ma hemm ebda ftehiem iffirmat bejn il-partijiet. Il-Kuratur Deputat ipprezentat kopja tal-kommunikazzjoni li saret fuq diversi indirizzi elettronici provdut mis-socjeta attrici li irrizultaw fin-negattiv.

Fis-7 ta' Novembru 2022, semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra;

Din il-kawza hija dwar talba ghal-hlas ta' materjal u prodotti mibjughin lil socjeta konvenuta. Illi l-kuratur deputat qajmet zewg eccezzjonijiet. L-ewwel ecezzjoni hija illi l-konvenut kellu jigi nnotifikat tramite l-ufficju tal-Avukat tal-Istat skond ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropeja bin-numru 1215/2012 u mhux jigu appuntati kuraturi deputati. It-Tribunal jinnota illi r-regolament 1215/2012 si tratta dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali[1], filwaqt illi huwa r-regolament 1393/2007[2] li jindika kif ghandha ssir in-notifika meta l-konvenut jinsab f'pajjiz iehor tal-Unjoni Ewropeja. Ghalhekk stante li l-eccezzjoni li tqajmet m'hijiex wahda ta' gurisdizzjoni din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

Illi b'referenza ghal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ecepita mill-kuratur, it-Tribunal jaqbel ma' dak li qalet Prim Awla tal-Qorti Civili b'referenza ghall-emendi lli saru fis-sub inciz wiehed ta' l-artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] 1215/2015 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali

[2] 1393/2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000

*Mela kull kuratur deputat jista jissolva tali eccezzjoni pero jinhtieglu illi jkun ben ighammar bl-informazzjoni li trid minnu l-ligi biex jkun jista jsostni l-eccezzjoni minnu mressqa. Lanqas ghalhekk ma baqa l-kaz llum li wiehed jitkellem fuq gurament defirit lil debitur ghaliex biex id-debitur issostni b'success l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kwinkwenali waqa fuqu l-piz li jaghti dan il-gurament, m'ghadux il-kaz fejn l- attur jistrieh fuq il-kuxxjenza tad-debitur, fin-nuqqas l-eccezzjoni mressqa ma ssibx success.*[3]

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qiegheda tigi michuda.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundana lis-socjeta` konvenuta thallas s-somma ta' elfejn hames mija u sitt euro u erbgha u tletin centezmu (€2,506.34) lis-socjeta` attrici, bl-imgħaxijiet kummercjali sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithalsu mis-socjeta` konvenuta, izda l-ispejjes tal-kuratur deputat ghadnhom jithalsu provisorjament mis-socjeta attrici.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[3] Rikors Guramentat Nru: 843/2015 MH , deciza 17 ta' Jannar 2018 Bank of Valletta p.l.c. (C2833) Vs Patrick Valentino et